**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 412/2008**

**Illum: 4 ta' Dicembru, 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Jacqueline Fenech**
**(ID 655863(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Jacqueline Fenech ta' 44 sena, bint Roland Magri u Maria Dolores nee` Micallef, imwielda Birkirkara, nhar it-28 ta' Novembru 1963, residenti fil-fond numru 193, Triq il-Lampuka, Fgura, detentrici tal-karta tal-identita` numru 655863(M):

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Frar 2004 u matul l-ahhar erba' xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda, go San Giljan u fi bnadi ohra f'Malta, f'hinijiet differenti:

a) Bieghet jew offriet li tbiegh droga psikotropika u ristretta (*ecstasy*), kontenenti s-sustanza *methylenedioxyamphetamine* li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-Tielet Skeda, parti (a) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap.

31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellha l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija ligi, sabiex tkun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

b) Ukoll tali fl-istess zmien, data u cirkostanzi, kellha fil-pussess taghha medicina ristretta u psikotropika meta ma kinitx awtorizzata kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Ukoll talli fl-istess zmien, data u cirkostanzi kellha fil-pussess taghha medicina ristretta u psikotropika meta ma kinitix awtorizzata kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

d) Ukoll talli kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jezentaw lil Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mismugha f'din il-kawza mill-Qorti kif diversament preseduta sa dakinhar;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

L-imputata tinsab akkuzata permezz tal-ewwel tliet imputazzjonijiet, bir-reati ta' traffikar, pussess bl-aggravanti u pussess semplici tal-*ecstasy* rispettivament u permezz tar-raba' imputazzjoni, bil-pussess semplici tar-raza tal-pjanta *cannabis*. Il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni f'dan il-kaz, jikkonsistu fix-xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud li xehed darbtejn[1] u li jispjega x'kien li wassal ghal dan il-kaz, zewg stqarrijiet rilaxxjati mill-imputata[2], ix-xhieda ta' WPS 86 Diane Fenech[3] ossia x-xhud ta' dawn iz-zewg stqarrijiet, ix-xhieda tal-Maggur Marisa Bartolo li ghamlet tfittxija gewwa residenza, f'liema residenza kien hemm diversi persuni u fejn giet elevata sustanza suspettata droga u oggetti relatati mal-abbuz tad-droga[4] u kopja ta' process verbal li jikkontjeni xhieda guramentata ta' diversi persuni ai termini tal-Artikoli 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fosthom tal-imputata odjerna[5]. L-ebda wiehed mill-persuni l-ohrajn li rrilaxxjaw stqarrija guramentata ma gie prodott mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri.

Fix-xhieda tieghu, **l-Ispettur Josric Mifsud** xehed illi nhar it-12 ta' Frar 2004, waqt illi l-Magistrat Inkwirenti kienet qeghda tisma' x-xhieda ta' certu Tyron Fenech, in konnessjoni ma' investigazzjoni dwar traffikar ta' droga, issemmiet l-imputata odjerna ossia omm l-istess Tyron Fenech, fis-sens illi din kienet involuta fi traffikar ta' droga. Ghalhekk, wara li l-Magistrat Inkwirenti ordnat il-hrug ta' mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-imputata, il-Pulizija, inkluz l-istess xhud, marru fir-residenza tal-istess imputata, gewwa 193, Triq il-Lampuka, Paola, fejn kienet instabet bicca raza tal-*cannabis* li, mill-investigazzjonijiet li saru, rrizulta li kienet ta' certu Saviour Agius. L-imputata giet interrogata u rrilaxxjat zewg stqarrijiet. Skond ix-xhud, l-imputata kkoperat mal-pulizija u ghenet sabiex setghet issir *controlled delivery* u dan billi hija kellha tmur tixtri d-droga minghand terza persuna. Bhala rizultat ta' din il-*controlled delivery*, li saret fil-11.00 p.m., giet arrestata certa Josianne Azzopardi u tkomplew l-investigazzjonijiet. It-tieni stqarrija tal-imputata tikkoncerna proprju din il-*controlled delivery.*

Kif inghad l-imputata irrilaxxjat zewg stqarrijiet fit-13 ta' Frar 2004, liema stqarrijiet ttiehdu wara li l-istess imputata inghatat is-solita twissija ossia li ma

---

[1] A fol. 6 *et seq* tal-process u a fol. 23 *et seq* tal-process.
[2] Esebiti a fol. 8 u 11 tal-process.
[3] L-istess Ufficjal tal-Pulizija ukoll xehdet darbtejn f'dawn il-proceduri, a fol. 14 tal-process u a fol. 20 tal-process.
[4] A fol. 16 tal-process. Jidher meta wiehed jara din ix-xhieda, kif ukoll ix-xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud, illi t-tfittxija li kienet involuta fiha din ix-xhud ma kinitx tikkoncerna r-residenza tal-imputata, izda xi residenza ohra u li din it-tfittxija saret fil-kors tal-investigazzjonijiet wara li saret *controlled delivery* mill-imputata odjerna.
[5] A fol. 29 tal-process.

kinitx obbligata li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li taghmel dan, izda dak li tghid jista' jingieb bhala prova.[6]

Dwar dawn iz-zewg stqarrijiet, fis-sottomissjonijiet taghha d-difiza tikkontendi illi dawn ghandhom jigu skartati mill-Qorti, ghaliex fil-fatt huma l-unika prova inkriminanti li ressqet il-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-imputata li rrilaxxjat dawn l-istqarrijiet minghajr ma nghatat dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju taghha. Skond id-difiza, ghalkemm fiz-zmien in kwistjoni l-imputata ma kinitx tfajla ta' eta` tenera, madankollu ma kellhiex esperjenza ta' interrogatorju u ma kinitx midhla tal-ambjenti fejn dawn isiru. Lanqas ma nstabet droga fuq il-persuna tal-imputata. Skond id-difiza ghaldaqstant, il-Qorti m'ghandhiex tiehu qies tal-istqarrijiet rilaxxjati minnha u l-imputata m'ghandhiex tinstab hatja ta' traffikar u pussess aggravat tal-pilloli *ecstasy*, izda semmai jekk ghandha tinstab htija, dan ghandu jsir biss fir-rigward tal-imputazzjonijiet ta' pussess semplici.

F'dan ir-rigward, m'huwiex kontestat illi fil-jum li fiha ttiehdu l-istqarrijiet tal-imputata, ossia fit-13 ta' Frar 2004, il-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, dik il-Qorti rriteniet illi l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi "*Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukut waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u jekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur*."

In oltre, fis-sentenza fl-ismijiet **John Attard vs Onorevoli Prim Ministru et** deciza fil-31 ta' Mejju 2013, il-Qorti Kostituzzjoni regghet irriteniet illi:

*"Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Il-kwistjoni*

[6] A fol. 8 sa 12 tal-process.

*għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita`, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha influwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Geoffrey Galea vs L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija** deciza fit-28 ta' Gunju 2013, fejn inghad hekk:

"*…il-jedd moghti mill-art. 6 huwa l-jedd ghal smigh xieraq u mhux il-jedd ghall-ghajnuna ta' avukat qabel ma, jew waqt illi, tittiehed l-istqarrija. Nuqqas illi ma jwassal ghal ebda pregudizzju effettiv ma ghandux jitqies li huwa bi ksur ta' jedd fondamentali. Wara kollox, f'dan bhal f'kull qasam iehor tal-ligi l-ghan ewlieni hu li tinkixef il-verita`, u li ma jigrix illi, minhabba l-uzu ta' pratici abuzivi, tittiehed stqarrija li ma jkollhiex mis-sewwa: ma huwiex, u ma ghandux ikun il-ghan tal-ligi illi persuna tahrab il-konsegwenza ta' ghemilha minhabba xi nuqqas minghajr ma jintwera illi dan in-nuqqas kellu konsegwenti pratici …*

*Din il-qorti dejjem fehmet illi stqarrija mehuda minghajr il-garanziji ta' legittimita` twassal ghall-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, mhux ghax l-interrogat ma kellux ghajnuna ta' avukat izda fejn in-nuqqas ta' assistenza ta' avukat tkun ppregudikat fil-konkret lill-individwu fil-process kontra tieghu …*

*Billi ghalhekk in-nuqqas ta' jedd ghall-ghajnuna ta' avukat qabel jew waqt l-istqarrija ma jwassalx, ghalhekk biss u ipso facto, ghal ksur tal-jedd tal-attur, fadal illi naraw, fil-meritu, jekk dak in-nuqqas holoqx pregudizzju hekk illi jwassal, jew x'aktarx iwassal, ghal ksur. Il-fatt illi, kif sewwa ighid l-attur, fiz-zmien relevanti ma kienx hemm ligi pozittiva li tirregola l-jedd ta' ghajnuna ta' avukat u c-cirkostanzi fejn dak il-jedd jista' ma jinghatax ma jzommx lil din il-qorti milli tara jekk, fic-cirkostanzi tal-kaz, in-nuqqas ta' ghajnuna ta' avukat kienx ta' pregudizzju ghalih, ghax il-kuncetti u l-istituti tal-ligijiet fondamentali ghandhom tifsira "awtonoma" li ma hijiex limitata b'dak li tghid jew ma tghidx il-ligi ordinarja.*

*Din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi l-attur ma weriex li tassew garrab ksur tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq la taht l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Fil-kaz tallum Geoffrey Galea ma allegax li gie msawwat jew mhedded jew imqarraq biex ghamel l-istqarrija jew kien ibati minn xi vulnerabilita` partikolari xort'ohra meta ghamel dik l-istqarrija. Il-prezenza ta'*

*avukat hija garanzija li ma jsirux abbuzi bhal dawn, izda l-attur ma allegax li dan sehh fil-kaz tieghu. Anzi, tant ma hassx ruhu pregudikat illi, ghalkemm l-istqarrija ghamilha fl-1 ta' Lulju 2003, stenna sal-11 ta' Mejju 2012 biex jilmenta bi ksur ta' drittijiet u jiftah il-kawza tallum, prezumibilment ghax issa sar jaf bl-izviluppi gurisprudenzjali fuq imsemmija u haseb li seta' jinqeda b'mezz gdid ta' difiza. Fil-fatt, izda, lanqas fil-kawza tallum ma hu qieghed jilmenta illi l-istqarrija ttiehdet b'abbuz: qieghed jilmenta biss min-nuqqas li ma kellux ghajnuna ta' avukat, jew, ahjar, li ma kellux jedd ghall-ghajuna ta' avukat.*

*Fil-kaz ta'* <u>*Salduz*</u> *kien biss ftit jiem wara li Salduz ghamel l-istqarrija illi lmenta illi ttehditlu b'abbuz, u dak l-ilment kien ghalhekk ferm aktar kredibbli minn dak ta' min ghal snin shah ma jaghmel imqar l-icken accenn illi l-istqarrija ttehditlu b'abbuz. Meta, fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2011 quddiem il-magistrat, ghamel ilment dwar drittijiet fondamentali, l-ilment kien minhabba dewmien fil-proceduri u mhux dwar l-istqarrija. Il-fatt illi ma sarux tempestivament allegazzjonijiet ta' abbuz, lanqas quddiem il-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali, juri illi, minkejja n-nuqqas ta' ghajnuna ta' avukat, ma kien hemm xejn illecitu jew abbuziv fit-tehid tal-istqarrija tant illi lanqas l-attur stess ma hass li kien garrab xi pregudizzju. Ghalhekk huwa nieqes dak l-element ta' vulnerabilita` biex, bhal fil-kaz ta'* <u>*Salduz*</u> *u kazijiet ohra bhalu, jinstab illi hemm ksur ta' drittijiet fondamentali.*

…

*Ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti hija tal-fehma illi t-tehid tal-istqarrija, ghalkemm minghajr l-ghajnuna ta' avukat, ma wassal ghal ebda ksur tal-jeddijiet tal-attur imharsa taht l-art. 39 tal-Kostituzzjoni jew l-art. 6 tal-Konvenzjoni*".

F'dan ir-rigward, jibda biex jinghad illi bhal fil-kaz ta' Galea, l-unika lment tal-imputata huwa li ma kinitx assistita minn avukat meta giet biex tirrilaxxja l-istqarrijiet taghha. Madankollu, l-imputata qatt ma kkontestat l-volontarjeta` ta' dawn l-istqarrijiet jew qanqlet il-kwistjoni tal-validita` ta' dawn l-istqarrijiet jew tal-ammissibilita` taghhom bhala prova u l-ewwel darba li tqajjem dan il-punt mid-difiza, kien biss fis-sottomissjonijiet finali taghha fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2015. Ghalkemm hija rrilaxxjat zewg stqarrijiet fi Frar tas-sena 2004 u cioe` hdax-il sena qabel, <u>fl-ebda stadju</u>, lanqas matul dawn il-proceduri, ma lmentat dwar dan jew allegat li l-istqarrija taghha ma nghatatx minnha b'mod volontarju jew inkella li giet mhedda, imsawwta jew imqarrqa jew inkella li kienet tbati minn xi forma ta' vulnerabilita`. Dan ifisser illi l-imputata stess ma kinitx qed thoss li tqieghdet taht zvantagg ingust bl-istqarrijiet taghha li, fuq kollox, ghamlithom liberament. Veru illi kif tghid id-difiza fis-sottomissjonijiet taghha, l-imputata ma jidhirx li kellha xi

esperjenza precedenti ta' interrogatorju u l-fedina penali taghha sas-sena 2008, kienet wahda netta, izda mill-banda l-ohra, fiz-zmien in kwistjoni, hija kienet mara adulta ta' 40 sena u kif inghad, minn imkien ma jirrizulta li kienet tbati minn xi forma ta' vulnerabilita`, kif lanqas *del resto* ma qeghda tallega d-difiza. Terga' u tghid l-imputata ma rrilaxxjatx biss stqarrija wahda, izda ben zewg stqarrijiet u kkoperat ferm mal-pulizija, billi kif xehed l-Ispettur Josric Mifsud, kienet partecipi f'*controlled delivery* fil-konfront ta' certa Josianne Azzopardi u ghalhekk certament ma jistax jinghad illi kien hemm xi nuqqas ta' volontarjeta` da parti tal-imputata. Id-difiza tissottometti illi l-imputata hassitha dahra mall-hajt meta gie spjegat lilha illi la darba kienet ammettiet li kienet traffikat id-droga, kienet qeghda tistenniha piena karcerarja u rinfaccjata b'dan, allura ikkoperat mal-pulizija, meta gie spjegat lilha li setghet tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Issa f'dan ir-rigward, apparti li l-Qorti jidhrilha li dawn huma kollha kongetturi ghaliex dan ma jirrizulta minn imkien mill-provi prodotti f'din il-kawza, biss anke li kieku <u>ghall-grazzja tal-argument</u>, gie spjegat lill-imputata, mill-pulizija, kif hija setghet tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta – u wara kollox effettivament l-Ufficjal Prosekutur iddikjara darbtejn f'din il-kawza li l-imputata ghandha hekk tibbenefika – ma tarax kif dan seta' jimpingi fuq il-volontarjeta` tal-istqarrijiet taghha. Li persuna arrestata tigi informata dwar il-beneficcji li taghti <u>l-ligi stess</u> lil min jikkopera mal-pulizija biex jinqabdu terzi persuni involuti fit-traffikar tad-droga, ma jistax jigi meqjus bhala xi forma ta' weghda jew twebbil ta' vantaggi li jxejjen il-volontarjeta` ta' stqarrija. In oltre, l-imputata giet infurmata bil-jedd taghha li tibqa' siekta u li dak li tghid jista' jingieb bi prova u anke ffirmat iz-zewg stqarrijiet rilaxxjati minnha. Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tqis dawn l-istqarrijiet bhala prova ammissibbli f'dawn il-proceduri.

Fl-ewwel stqarrija, rilaxxjata minnha fl-10.15 a.m., l-imputata tghid illi fil-jum ta' qabel, hija giet arrestata fuq suspett ta' droga u mistoqsija x'tip ta' droga tuza, hija twiegeb li tuza l-i*smoke* u l-*ecstasy*. Mistoqsija kemm kienet ilha tuza droga, hija tghid li kienet ghamlet perjodu ta' sentejn, imbaghad ghamlet sena wieqfa ghal kollox u ma kienet tmiss xejn u sussegwentement, regghet bdiet tuza d-droga minn Novembru tas-sena 2003, jigifieri tliet xhur qabel. Dwar l-*ecstasy* tghid illi ma kinitx tuza izjed minn tnejn meta tohrog u lanqas ma kienet taghmel uzu minnha kull *weekend*, izda l-izjed f'dawk it-tliet gimghat tal-Milied. L-ahhar li uzat l-*ecstasy* kien fil-lejl ta' bejn it-Tnejn u t-Tlieta ta' qabel, ghall-festa ta' San Pawl (li jfisser ghalhekk illi la darba l-istqarrija ttiehdet fit-13 ta' Frar 2004 ossia fil-jum tal-Gimgha, il-lejl ta' bejn it-Tnejn u t-Tlieta kien il-lejl ta' bejn id-9 ta' Frar 2004 u l-10 ta' Frar 2004). Mistoqsija jekk qatt bieghetx pilloli *ecstasy*, l-imputata tghid illi gieli ghamlet dan u mistoqsija kemm il-darba bieghet l-*ecstasy*, hija tghid hekk:

"*Nghid li matul dawn is-sentejn li kont nuza id-droga qabel kont ghamilt xi zmien nbiegh. Dak iz-zmien kont inbiegh gieli Twins, Mitsubishi, u ma nafx aktar. Mistoqsija kemm kien l-ammont li kont inbiegh dak iz-zmien nghid li le ma konniex nbiehu hafna dak iz-zmien nghatu kas kont nixtri 3 ghalija, u kont ngieb 10 ghad-dritt. Nghid li sebgha kont nbieghom. Mistoqsija il-prezz, nghid li kont nbieghom xi erba liri il-wahda (Lm4.00). Nghid li kont nkun il-fabbrika, u kienu jigu jghiduli jekk ghandiex u jien kont mbieghom. Biex ma jibqawx f'idi. Mbaghad kont waqaft ghax il-partner tieghi kien mar ghal programm, u kien dam hdax il-xahar, u jien kont waqaft milli nohrog. L-11th November kien hareg mill-programm, u ma konnha morna imkien, it-tieni week-end lanqas mbaghat it-tilett week-end konnha morna it-Tattingers u jien kont hadt wahda ... Ghal Christmas qass hriegna, mbaghad hriegna fin-New Year. Nghid li pilloli kont xtrajt xi hamsa, u jien kont hadt tnejn, u t-tlieta l-ohra kont behejthom lil habiba tieghi ghal prezz ta' erba' liri il-wahda. U issa dan il-party kont xtrajt ghoxrin minnhom hadt tlieta jien u kelli xi hbieb tieghi qabel il-party u bieghejthomlom ghax hadt ma jigi ghandi. Mistoqsija il-prezz li bieghejt dawn il-pilloli nghid li lil hbieb kont nbieghom bl-erbgha liri u filwaqt lil persuni li ma nkunx naf bil-hamsa*".

Mistoqsija kemm il-darba minn Novembru l'hawn bieghet l-*ecstasy*, hija wiegbet li bieghet tliet darbiet u mistoqsija f'liema postijiet kienet, hija wiegbet li f'*Tattingers* xtrat wahda, imbaghad il-*Liquid*, il-Gianpula u regghet *Tattingers* u li fl-okkazzjoni tat-*Tattingers* kienet xtrat minghand il-*Hoover*. L-akbar ammont ta' pilloli li kienet xtrat kien ta' ghoxrin pillola *Es*, li kienu ghaxra u ghaxra. Mistoqsija jekk hi u Savour ibieghux l-*ecstasy* flimkien, hija tghid li gieli jaghmlu dan u li Saviour imur ibiegh lill-hbieb taghha. Mistoqsija dwar il-bicca *cannabis* u t-trab suspettat kokaina, li nstabu fir-residenza taghha, l-imputata tghid illi l-kokaina mhux taghha u ma tafx ta' min hi u tissusspetta li xi hadd ghamilha fil-kexxun u li r-raza probabbli kien ghadu kif xtraha Saviour wara nofsinhar. Kienet ilha tuza l-haxixa ghal dawk l-ahhar erba' xhur u li tiehu biss zewg nifsijiet, li hija qatt ma xtrat haxixa izda kien Saviour li kien igib u li l-bicca li nstabet kienet tieghu. Ikkonfermat li kienet lesta li tikkonferma l-istqarrija bil-gurament u li "*dak li hemm kollox il-verita`*".

Fit-tieni stqarrija taghha, imbaghad, kwarta wara li spiccat l-istqarrija precedenti, l-imputata tghid illi hija tixtieq tghin lill-pulizija u li fil-jum ta' qabel, filghaxija, peress illi xtaqet tghin lill-pulizija, hija semmiet il-persuna minghand min kienet qeghda tixtri l-*ecstasy* ossia lil certa Josianne mill-Hamrun. Tghid illi hija cemplet fuq il-*mobile* ta' Josianne bin-numru 7970 7936 u staqsietha jekk kellhiex 'hamsin', il-persuna l-ohra wiegbet fl-affermattiv, izda l-imputata kellha terga' ccemplilha ghaliex il-prezz kien bi tliet liri l-wahda. Halliet hames minuti u

regghet cemplet fuq l-istess numru, qaltilha li kollox sew u li kienet lesta li tmur tiltaqa' maghha. Regghet cemplet ghat-tielet darba u l-persuna l-ohra qaltilha biex tiltaqa' maghha ma' genb il-*Queens* tal-Hamrun. Din il-persuna qaltilha wkoll biex tlesti Lm150. Marru fuq il-post, ghamlet xi hin tistenna u l-persuna l-ohra waslet bil-karozza. Hija marret ma' genbha u kif kienet hdejn it-tieqa tal-karozza, l-ohra talbitha biex tara l-flus, f'liema waqt marru fuqhom il-pulizija u gew arrestati u mehuda l-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Qalet ukoll illi minghand l-istess persuna, kienet xtrat l-*ecstasy* tliet darbiet ohra ossia darba xtrat seba' pilloli, darba ghaxra u darb'ohra ghoxrin. Anke fir-rigward ta' din l-istqarrija, qalet li kienet lesta tikkonfermaha bil-gurament.

L-atti tal-process verbal imsemmi izjed 'il fuq, jinkludu xhieda ta' Tyron Fenech, l-istqarrijiet rilaxxjati minn Jacqueline Fenech, kif ukoll ix-xhieda taghha, fejn ikkonfermat dawn l-istqarrijiet quddiem il-Magistrat Inkwirenti, l-istqarrija ta' Josianne Azzopardi u x-xhieda taghha fejn tikkonferma l-istess stqarrija u l-istqarrija ta' Dominic Camilleri, kif ukoll ix-xhieda li huwa ta f'zewg okkazzjonijiet. Il-Qorti tinnota madankollu li giet prezentata biss kopja <u>u mhux vera kopja</u> ta' dawn l-atti u ghaldaqstant, m'hijiex qeghda tiehu konjizzjoni taghhom.

Fin-nuqqas ta' provi ohrajn, jibqa' ghalhekk li l-Qorti tezamina dak li qalet l-imputata fl-istqarrijiet rilaxxjati minnha. L-ewwel stqarrija in kwistjoni giet rilaxxjata nhar it-13 ta' Frar 2004 u f'dan ir-rigward il-Qorti qeghda tiehu *judicial notice* tal-fatt illi dan kien il-jum tal-Gimgha. Isegwi illi t-tfittxija fir-residenza ta' Jacqueline Fenech, kif xehed l-Ispettur Mifsud, saret il-Hamis, 12 ta' Frar 2004 u anke mill-istess stqarrija jirrizulta illi din saret fil-jum ta' qabel. Fl-istqarrija taghha, l-imputata tghid illi l-ahhar darba li hija kienet uzat l-*ecstasy* kien fil-lejl ta' bejn it-Tnejn u t-Tlieta ta' qabel, ghall-festa ta' San Pawl ossia ghalhekk fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Frar 2004. Dwar il-bejgh da parti taghha tal-pilloli *ecstasy*, hija tghid li kienet taghmel dan matul is-sentejn li fihom kienet taghmel uzu mid-droga u izjed kmieni fl-istqarrija tghid li kienet ghamlet sentejn tuza d-droga, imbaghad waqfet ghal sena u regghet bdiet tuza d-droga f'Novembru 2003. Stante illi l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu ghal-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Frar 2004 u l-ahhar erba' xhur ta' qabel, huwa evidenti ghalhekk illi dawn is-sentejn li ssemmi l-imputata li jkopru bejn wiehed u iehor minn Novembru tas-sena 2000 sa Novembru tas-sena 2002, m'humiex fil-parametri tal-imputazzjonijiet kif dedotti. Biss wara l-imputata tghid ukoll illi fit-tielet *weekend* ta' wara l-11 ta' Novembru 2003, kienet hadet *ecstasy* gewwa t-*Tattingers* u harget ukoll fl-Ewwel tas-Sena, meta xtrat hames pilloli, hadet tnejn minnhom u bieghet tlieta lill-habiba taghha bil-prezz ta' erba' liri l-wahda. Tghid ukoll illi 'issa [ghal] dan il-*party*' – u mill-

istqarrija jidher evidenti illi hawnhekk l-imputata kienet qed tirreferi ghall-ahhar okkazzjoni li fiha kienet hadet hija stess il-pilloli *ecstasy*, jigifieri fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Frar 2004, kif tghid hi 'ghall-festa ta' San Pawl' – hija xtrat ghoxrin pillola li minnhom hadet tlieta hi u li l-bqija bieghithom lill-hbieb taghha qabel il-*party*. Kienet tbiegh il-pilloli bil-prezz ta' erba' liri lill-hbieb taghha u bil-prezz ta' hames liri lil dawk il-persuni li ma tkunx taf. Qalet ukoll illi b'kollox minn Novembru 2003, bieghet id-droga tliet darbiet.

Ghaldaqstant, jirrizulta car illi fil-perjodu li ghalih jirreferu l-imputazzjonijiet odjerni ossia fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Frar 2004 u matul l-ahhar erba' xhur ta' qabel din id-data, l-imputata bieghet il-pilloli *ecstasy* lil terzi persuni. Isegwi u jirrizulta car ukoll illi fl-istess zmien l-imputata kellha pilloli *ecstasy* fil-pussess taghha, li ma kinux intizi ghall-uzu esklussiv taghha u ghaldaqstant, li kellha l-pussess aggravat tal-istess, kif jirrizulta daqstant car illi fl-istess zmien, hija kellha wkoll il-pussess semplici tal-istess droga u dan b'referenza ghal dawk il-pilloli *ecstasy* li ghamlet uzu minnhom hija stess minn Novembru 2003 'il quddiem.

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, imbaghad, jirrizulta wkoll illi fl-istqarrija rilaxxjata minnha, b'referenza ghar-raza tal-*cannabis* li nstabet fir-residenza taghha, l-imputata qalet illi probabbli din kienet ghadha kif inxtrat minn Saviour wara nofsinhar, li dejjem Saviour igib il-haxixa u li hi kienet ilha tuzaha ghal dawk l-ahhar erba' xhur. Ghaldaqstant, anke dan l-uzu tar-raza tal-*cannabis* da parti tal-imputata sehh fiz-zmien li ghalih tirreferi din l-imputazzjoni.

Jirrizulta wkoll f'dan il-kaz illi d-droga in kwistjoni ossia kemm il-pilloli *ecstasy*, kif ukoll ir-raza tal-*cannabis* (ikkunsmata fil-perjodu taz-zmien li ghalih tirreferi r-raba' imputazzjoni) gew ikkunsmati mill-imputata jew (fir-rigward tal-pilloli *ecstasy*) mibjugha lil terzi persuni. F'dan ir-rigward, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sharon O'Neil**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar 2004, fejn inghad hekk:

"*Tikkontendi* [l-appellanti] *li s-sempliċi fatt li hija ammettiet li kellha fil-pussess tagħha u li xtrat għal ħaddiehor ir-raża tal-cannabis kif ukoll l-"ecstasy", ma kienx biżżejjed biex il-prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mil-liġi l-element materjali tar-reat, u dan peress li dak li hija xtrat seta' ma kienx verament raza tal-cannabis jew "ecstasy".*

*Dan l-aggravju huwa, fic-cirkostanzi, wieħed infondat. Huwa veru li, fl-assenza tas-sejba ta' droga u fl-assenza ta' l-analiżi tagħha, jista' jkun hemm ċirkostanzi li jitfgħu dubju dwar kemm verament l-oġġett li dak li jkun xtara (jew żamm jew*

*għadda lil ħaddieħor) kien droga projbita mil-liġi. Mill-banda l-oħra, meta si tratta ta' oġġett li jiġi kkunsmat, tkun haġa assurda li wieħed jippretendi li f'kull każ, biex tinstab ħtija, hemm bżonn li tinstab ukoll xi droga jew traċċi tagħha jew oġġetti relatati ma' l-abbuż tad-droga. Fi kliem ieħor, jekk qorti tkun sodisfatta – bħalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f'dan il-każ – li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u cioe` f'dan il-każ li l-appellanti verament kellha r-raza tal-cannabis u l- "ecstasy", u mhux xi "oġġett" ieħor, allura l-ħtija tista' tiġi bbażata esklussivament fuq tali ammissjoni.*"

Din is-sentenza giet abbraccjata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament presjeduta, fis-sentenza taghha tal-20 ta' Settembru 2013, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Matthew Saviour Felice Pace</u>**. Fil-kaz **<u>Il-Pulizija vs Richard Borg</u>**, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Settembru 2002, il-Qorti wkoll kienet irrimarkat illi jista' jwassal "*ghal precedent perikoluz biex kull ammissjoni dwar droga ma jkollha ebda effett probatorju jekk ma tkunx akkumpanjata b'analisi tad-droga innifisha, analisi li f'hafna kazijiet ma tkunx tista' ssir, ghas-semplici raguni li d-droga tkun lahqet giet ikkunsmata jew ma tinstabx*". F'dak il-kaz, fl-istqarrija tieghu, l-imputat kien ammetta *inter alia* illi kuljum huwa kien jiehu zewg pakketti eroina u li d-droga li nstabet fuqu kienet eroina li kien xtraha fil-ghodu stess u li kien ukoll ikkonsma minnha.

Fil-kaz odjern, din ma kinitx l-ewwel darba li l-imputata kienet xtrat u abbuzat mill-pilloli *ecstasy*, kif tammetti hija stess fl-istqarrija taghha, apparti illi hija stess kienet ikkonsmat mill-pilloli li kienet xtrat u li minnhom sussegwentement bieghet lil terzi persuni u ghalhekk l-imputata kienet taf ben tajjeb x'inhuma pilloli *ecstasy* u x'kienet qeghda tbiegh. Anke fir-rigward tar-raza tal-*cannabis*, l-imputata stqarret li ghalkemm kienet tiehu biss xi zewg nifsijiet, madankollu, kienet ilha taghmel dan ghal dawk l-ahhar erba' xhur. Ghaldaqstant, il-Qorti hija moralment konvinta illi l-pilloli in kwistjoni kienu effettivament pilloli *ecstasy* u li l-haxixa li tghid li pejjpet kienet fil-fatt raza tal-*cannabis*.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet (a), (b), (c) u (d) gew ippruvati sodisfacentement fil-grad rikjest mil-ligi.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni fl-ewwel lok illi l-fedina penali tal-imputata sa Ottubru tas-sena 2008 kienet wahda netta. Il-fedina penali aggornata baqghet ma gietx esebita mill-prosekuzzjoni.

Qieset ukoll ic-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern, inkluz l-ammont ta' pilloli *ecstasy* involuti u li mill-istqarrija tal-imputata jirrizulta illi hija bieghhet il-pilloli *ecstasy* fi tliet okkazzjonijiet minn Novembru 2003.

Ikkunsidrat ukoll illi minkejja li l-imputata ma rregistratx ammissjoni f'dawn il-proceduri, hija kkoperat bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta ampjament mill-istqarrijiet rilaxxjati minnha. In oltre tqis ukoll illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-imputata ghandha tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, rez applikabbli fil-kaz odjern, permezz tal-Artikolu 120A(2B) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zewg gradi.[7]

Tqis ukoll ir-reat ikkontemplat fl-imputazzjoni (c) bhala kompriz u nvolut fir-reat ikkontemplat fl-imputazzjoni (b) u r-reat mertu tal-imputazzjoni (b) bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat mertu tal-imputazzjoni (a), ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a) u (d).

Ikkunsidrat ukoll illi dan il-kaz jirrisali ghal Frar tas-sena 2004 u li l-kawza bdiet tinstema' f'Jannar tas-sena 2009, wara li c-citazzjoni odjerna gietipprezentatha fir-Registru tal-Qorti fit-28 ta' Ottubru 2008. Il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha f'Gunju tas-sena 2010, inghataw diversi differimenti sabiex il-Prosekuzzjoni tesebixxi l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Kap. 101 u tal-Kap. 31, li gew esebiti fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2013, fil-waqt illi d-difiza ghalqet il-provi taghha f'Mejju tas-sena 2015. F'dan il-kaz, zgur li ma jistax jinghad illi d-dewmien, fil-maggor parti tieghu, kien dovut ghal xi nuqqas da parti tal-imputata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i) u (ii) u 120A(2B) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) u 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(f), 17(h) u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet (a), (b), (c) u (d) kif dedotti kontra taghha u tikkundannaha ghal piena ta' **ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' disa' mija u hamsin Euro (€950)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hatja b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro

[7] Ara l-verbali a fol. 5 u 22 tal-process.

(€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qeghda b'din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. Madankollu, jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Stante illi ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat